**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Katya Bonello

Vs

Kurt Galea Pace

CCT 22/20/MM

Illum, 22 ta' Lulju 2021

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-3 ta' Frar 2020 fejn talbet is-somma ta' elfejn seba' mija u għaxar Ewro (€ 2710), rappreżentanti rifużjoni ta' parti mill-ħlas ta' xogħlijiet kondotti mill-intimat li allegatament ma sarux skont is-sengħa u l-arti.

Illi minkejja li l-konvenut kien debitament notifikat huwa baqa' ma ppreżentax risposta fl-atti.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti kienet inkarigat lill-intimat sabiex jagħmel xogħolijiet ġewwa l-fond 38, Triq Ħali, Żebbuġ, Malta għal-liema xogħlijiet hija kienet ħallset id-depożitu ta' erbat elef, tmien mija u ħdax il-Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€ 4,810.46).
Illi rriżulta li dawn ix-xogħolijiet ma kienux tal-kwalita' pattwita u għalhekk b'mod immedjat ġie tterminat l-arranġament ta' xogħol bejn il-partijiet fejn il-konvenut iffirma d-dokument Dok KB1 fir-rigward tar-rifużjoni li huwa kellu jgħaddi lura bħala parti mill-ħlas tax-xogħol li ma kienx sar.

Ikkunsidra

Illi l-ilment tar-rikorrenti jikkonċerna r-rifużjoni ta' parti mill-ħlas tad-depożitu li hija ħallset lill-konvenut fir-rigward tax-xogħolijiet li huwa kellu jwettaq fil-proprjeta' tagħha ġewwa Ħaż-Żebbuġ, Malta. Illi minkejja li l-konvenut ġie debitament notifikat, l-ebda risposta ma ġiet preżentata biex b'xi mod jiġi kkontestat dak allegat mir-rikorrenti. Di piu', dan it-Tribunal kellu l-opportunita' li jisma' *viva voce* lir-rikorrenti u ma jħossx li għandu jiddubita lir-rikorrenti li saħansitra issotanzjat il-provi tagħha b'vera kopja ta' skrittura privata bejnha u bejn il-konvenut li tafferma l-verżjoni minnha mistqarra.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa it-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attriċi s-somma ta' elfejn u seba' mija u għaxar Ewro (€ 2710).

Bl-ispejjeż konta l-konvenut.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru